**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta’ Gunju, 2016

Rikors Nru : 207/16 AL

AB
vs
CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-kontendenti zzewgu fis-7 ta' Dicembru 2006 fil-Knisja ta' Santa Barbara (maghrufa wkoll bhala l-Knisja ta' Santa Liberata) kif jidher fl-att ta' zwieg hawn anness u markat Dokument "A";

Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal.

Illi f'Marzu 2012 iz-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment. Dak iz-zmien il-kontendenti sseparaw *de facto* u ghadhom jghixu mifrudin sallum.

Illi inoltre l-kontendenti sseparaw legalment in forza ta' kuntratt tal-5 ta' Lulju 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Valentino (hawn anness u markat Dokument "B").

Illi in forza tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-kontendenti reciprokament irrinunzjaw minn kwalsijasi dritt taghhom li jircievu manteniment (klawsola 2).

Illi llum il-kontendenti ghandhom hajjithom indipendenti minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli li jirrikonciljaw.

Illi konsegwentement jirrikorru l-elementi kollha mehtiega skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili ghall-pronunzjament tad-divorzju bejn il-kontendenti.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tippronunzja d-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-kontendenti a tenur tal-Artikolu 66A tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta, u dan taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidrilha xieraq u opportuni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Mejju, 2016;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx ghal dawn il-proceduri u ma ipprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta' Lulju 2012 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.